**25/19**

**Il-Ħamsa u għoxrin (25) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-30 t'April, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'kontinwazzjoni mal-laqgħa li saret fil-21 t'April, 2014.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Aġenda:

1. Talba
2. Korrispondenza
3. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
4. Ilmenti
5. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
7. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li s-Sinj. Elizabeth Vella ma setghetx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji familjari.

***Korrispondenza***

2.1 Is-Sindku nforma lill-membri li ċ-Ċentru Nazzjonali tal-iscreening ser jagħmlu laqgħa ta' informazzjoni dwar l-iscreening tal-musrana l-kbira u tas-sider ġewwa iċ-Centru ta' matul il-jumu dan ser isir fis-17 ta' Ġunju 2014.

Il-Membri qablu unanimament

2.2 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar il-proposta tal-Lidl sabiex isiru sinjali u "U Bars" li jindikaw minn fejn il-konsumatur għandu jgħaddi sabiex jilħaq l-istabbiliment kummerċjali tagħhom. Is-Sindku kompla li dan il-permess għandu jingħata temporanjament għal sena.

Il-Membri qablu unanimament

2.3 Is-Sindku nofrma lill-membri dwar it-talba li s-Sinjorina Yanika Chetcuti għamlet lill-Kunsill Lokali sabiex f'Mejju,2015 tagħmel it-tieġ tagħha fil-ġnien Romeo Romano. Is-Sindku ppropona li f'dan il-każ s-Sinjorina għandha tagħti donazzjoni lill-Kunsill ta' mhux inqas minn €200 u sakemm ukoll dan l-istess t-tieġ ma jkunx iċċelebrat fis-16 ta' Mejju ,2015 preress li f'din il-ġurnata ser ikun hemm attivita' oħra għaddejja.

Il-Membri qablu unanimament

Fis-6.15 ta' filgħaxija wasal wieħed mill-membri tal-kunsill s-Sur Horace J. Anastasi.

2.4 Is-Sindku informa lill-membri li l-HSBC jixtieqU li fil-bini tal-Kunsill isiru laqgħat ta' taħriġ għar-residenti nteressati sabiex jaħdmu fl-HSBC Call Centre.

Il-Membri qablu unanimament

2.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar it-talba li għamel is-Sur Schembri li għandu l-ħanut Haircode li jinsab fi triq il-Kanun. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-"U Bar" tinqala' iżda l-Kunsill ma qabilx li ssir rampa quddiem l-entratura tal-ħanut peress li hemm waħda ftit l'isfel.

2.6 Is-Sindku nforma lill-membri li Alberta Group jixtieqU li ssir laqgħa edukattiva fuq "Fire Safety and Security at Home". Is-Sindku ppropona li din il-laqgħa għandha ssir ġewwa iċ-Centru ta' matul il-jum fit-18 ta' Ġunju 2014.

Il-Membri qablu unanimament

2.7 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill għall-Wirja Nazzjonali tal-Ħortikultura li ser issir il-Ħadd 18 ta' Mejju, 2014. Is-Sindku nnomina lis-Sur Jason Mangani sabiex jagħmel qoffa mżejna bil-ħaxix Malti għal din l-attivita'.

Il-Membri qablu unanimament

2.8 Is-Sindku nofrma lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-Imnarja billi ssir stand bl-informazzjoni dwar Santa Venera. Għal dan il-għan, ~~ser jgħin~~ is-Sindku kellem lis-Sur Mario Coleiro.

Il-Membri qablu unanimament

Fis-6.30 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Darren Carabott.

2.9 Is-Sindku nforma lill-membri dwar it-talba li għamlu l-iskola Primarja ta' Santa Venera sabiex issir esibizzjoni ta' arti li għamlu l-istudenti tal-ħames sena ġewwa il-bini tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

2.10 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-ittra li rċivejna mingħand is-Sur Joseph Carabott dwar Ġianni Snack bar ta' Triq il-Kanun fejn il-Kunsill ġie nfurmat li fil-viċinanzi hemm 7 ħwienet u qed jitolbu sabiex issir "Loading /Unloading bay". Is-Sindku qal li fil-viċinanazi hemm "reserved bay" li kienet tintuza minn tal-Lottu u għalhekk nistgħu nibdlu din ir-"Reserved Bay" u ssir "Loading and Unloading".

Il-Membri qablu unanimament

2.11 Is-Sindku informa lill-membri dwar l-iskema tal-Life Long Learning fejn il-Kunsill jista' japplika sat-30 ta' Mejju, 2014 sabiex fil-lokalitajiet isir taħrig fuq diversi suġġetti. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex japplika għal taħriġ bażiku tal-lingwa Ingliża. Il-ġurnata stabblilita mis-Sindku hi li dan it-taħriġ isir nhar ta' Sibt bejn it-8 ta' filgħodu u l-11 ta' filgħodu.

Il-Membri qablu unanimament

**3. Skeda ta' pagamenti**: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament.

**4. Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 395 sa ilment numru 431.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 395 | Transport Malta |
| 396 | Haddiema Assenjati. Kine hemm qbil sabiex nordnaw 15 –il U Bar ohra. |
| 397 | Transport Malta |
| 398 | Ninfurmaw il-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq |
| 399 | Koptasin |
| 400 | M'hemmx spazju biżżejjed għax tal-anqas irid ikun hemm metru mill-koxxa tal-garaxx |
| 401 | Transport Malta |
| 402 | Applikazzjoni għal sleeping police saret ma TM u linji sofor ġew approvati |
| 403 | Koptasin |
| 404 | Ninfurmaw l-għassa tal-Ħamrun |
| 405 | Jitranġa t-timer jibda jixgħel mit-8 ta' filgħaxija sal-5 ta' filgħodu |
| 406 | Każ magħluq |
| 407 | Ninfurmaw il-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq |
| 408 | Każ magħluq speed bump awtorizzata minn Transport Malta |
| 409 | Każ magħluq – refresh tar-reserve<br>Sinjal tal-wheelchir ma jistax isir għax il-parking bay hija "communal bay" |
| 410 | Ħaddiema Assenjati |
| 411 | Applikant irid japplika għar-reserve parking ma' TM. Ħaddiema Assejnati - refresh |

| | |
|---|---|
| | tal-"parking bays" tat-Triq ix-Xarretta. |
| 412 | Tabella ma tistax tinbidel ghax approvata minn TM iżda tista' tinbidel id-direzzjoni tat-tabella permezz tal-Ħaddiema Assenjati. |
| 413 | Linji sofor nappilkaw ma' TM – Contract manager biex jieħu ritratti tal-bankina tat-Trejqet il-Ferrovija |
| 414 | Iġib il-permess tal-Mepa li hemm li sar bidla fl-użu - Haddiema Assejnati |
| 415 | Work order sabiex jinxtara bin. |
| 416 | Ħaddiema Assenjati |
| 417 | Ħaddiema Assenjati |
| 418 | Ħaddiema Assenjati |
| 419 | Ninfurmaw lis-Sid biex tiġi rranġata ir-rampa |
| 420 | Koptasin |
| 421 | L-istess bħal 405 |
| 422 | Koptasin tinbidel il-mera u issir waħda ta' 90ċm minflok dil li hemm ta' 60ċm |
| 423 | Ninfurmaw lil Transport Malta peress li l-garanzija bankarja saret minn naħa tagħhom |
| 424 | Trattativi mixjin |
| 425 | Kuntrattur li bena hemm irid jirranġaha. |
| 426 | Issir Skip skont il-kuntratt eżistenti sakemm hemm fejn toqgħod. |
| 427 | Ninfurmaw il-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq u nibgħatu l-Green Wardens. |
| 428 | Northern Clean skont il-Kuntratt |
| 429 | Work order sabiex tiżdied Dog litter Bin |
| 430 | Koptasin |
| 431 | Ħaddiema Assenjati |
| 431 (a) | Ninfurmaw lil Maltapost sabiex issir letterbox biswit il-knisja fi Triq il-Kbira San Ġużepp |

Fis-7 ta' filghaxija is-Sur Horace J. Anastasi gie skużat ghall-kumplament tal-laqgha.

## 5. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ġew ippreżentati l-minuti tar-raba' laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fit-12 ta' Frar 2014.

Ġew ippreżentati l-minuti taż-Żjara f'Kastorja,il-Greċja bħala parti mill-proġett "Little Big Things in Europe" li saret bejn 4 u 8 t'April, 2014.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar ir-roundabout ta' Santa Venera mingħand il-kumpanija GO li għandhom is-servizzi tagħhom għaddejin mill-istess roundabout. Is-Sindku qal li la darba il-Kunsill għadu m'nghtax assigurazzjoni fuq l-isem tal-proġett tar-"roundabout" għandna nmorru pass oltre minn hekk billi nipprezentaw protest ġudizjarju kontra B'kara abbazi li għandna niġu kkonsultati qabel bix-xogħol. Jekk nibqgħu niġu njorati, kien hemm qbil sabiex jinħareġ mandat.

Il-Membri qablu unanimament

6.2 Is-Sindku nofrma lill-membri li l-Kumitat taż-Żagħżagħ ġie xolt għaliex ma kienx hemm biżżejjed konkorrenza mill-membri.

6.3 Is-Sindku informa lill-membri li rcieva korrispondezna mingħand id-Direttur tal-Edukazzjoni is-Sinj. Roslyn Vella dwar jekk hux ser izommu il-bini preżenti tal-Kunsill meta fil-futur nibnu Ċentru Ċiviku ġdid. Is-Sindku huwa tal-idea li dan il-bini għandu jinżamm għar-raġuni li hemm il-ħsieb li s-sala ta' fuq tkun tista tiġi utilizzata minn diversi għaqdiet lokali fejn uħud minnhom lanqas biss għandhom fejn jiltaqgħu.

Il-Membri qablu unanimament

6.4 Is-Sindku nforma lill-membri li fid-9 ta' Mejju, 2014 ser tkun organizzata attivita' ta' Jum l-Omm ġewwa Istitut Apap fis-6.30 ta' filgħaxija u din l-attivita' ser tkun akkumpanjata mill-banda u wara ser isir kuncert zgħir mill-bandisti. L-ispiża għandha tkun ta' €280.

Il-Membri qablu unanimament

6.5 Is-Sindku informa lill-membri li żdied membru ieħor mal-kumitat t'azzjoni tal-mini Regjonali. Dan huwa is-Sur Karmenu Spiteri li kien diġa ħa l-inizzjattiva u kiteb lil Gvern ta' dak iz-zmien u anke lill- Kummissjoni Ewropeja. Barra minn hekk fl-2010 is-Sur Spiteri kien ġabar ukoll petizzjoni dwar din il-problema.

6.6 Is-Sindku qal li tressqet talba biex nippreżentaw kotba lill-iskola primarja għall-Prize Day. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex jalloka sa massimu ta' €165.

Il-Membri qablu unanimament

**7 Aġġornament**

7.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'agenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

7.2 Il-Laqgħa intemmet fid-7.40 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum: 26/5/2014